MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 49/2008

**Melita Cable p.l.c. (C 12715)**

**vs.**

**MediaPact Limited (C 28049)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Melita Cable p.l.c. *ai termini* tal-**artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta** datat 21 ta’ Jannar 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess illi:-

1. Is-socjeta’ Melita Cable p.l.c. (“Melita”) qieghda tipprezenta din it-talba fil-kapacita` taghha ta’ azzjonista tas-socjeta’ MediaPact Limited (“MediaPact”) u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 218 (1) (b) tal-Kap. 386**;

2. Is-socjeta` MediaPact giet inkorporata fis-16 ta' April 2001 u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' registrazzjoni anness bhala Dokument "A";

3. Kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' MediaPact ma tistax thallas id-djun taghha u dan *stante* illi kif pruvat fl-**artikolu 214 (5) (b) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-passiv kontingenti u progressiv ta' din is-socjeta', jirrizulta li hi ma tistax thallas id-djun taghha;

4. Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni, joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` MediaPact mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha u konsegwentement tordna l-istralc u x-xoljiment ta' MediaPact u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 286 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Marzu 2008.

Rat li minkejja li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bir-rikors fl-20 ta' Frar 2008, kif jidher *a tergo* ta' fol. 6 tal-process, hija baqghet ma pprezentatx l-ebda risposta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2008 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Marisa Azzopardi ghas-socjeta' attrici. Dr. Marisa Azzopardi ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra ta' din il-procedura.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija procedura sabiex is-socjeta' intimata MediaPact Limited mhix qeghda f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u ghalhekk jigi ordnat l-istralc u x-xoljiment tal-istess skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386.**

Illi skond l-**artikolu 214 (5) (b)** jigi kkunsidrat li socjeta' ma tistax thallas id-dejn taghha meta jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan ma jistax issir meta jitqies il-passiv kontingenti u l-prospettiv tal-kumpanija.

Illi din il-procedura qed issir mis-socjeta' rikorrenti Melita Cable p.l.c bhala azzjonista' tas-socjeta' intimata MediaPact Limited skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 218 (1) (b) tal-Kap. 386** u li l-istess socjeta' rikorrenti hija azzjonista jirrizulta mill-istatut tal-Kumpanija (Dok. "MP 1") tant li l-azzjonisti l-ohra huma is-socjetajiet Studio 7 Company Limited u Max Media Entertainment Limited u tali socjeta' giet registatata fis-16 ta' April 2001 bin-numru ta' Registrazzjoni C 28049 (Dok. "A").

Illi jirrizulta li l-iskop tat-twaqqif tal-istess kumpanija kien li topera stazzjon tat-television MAX PLUS u xxandar programmi u tbiegh u tixtri reklami, izda jidher li din il-kumpanija baqghet topera biss ghall xi zmien biss inkluz attivita' sabiex titwaqqaf l-istess socjeta', li wara naqset fix-xejn tant li mir-rendikont tal-kont bankarju tal-istess socjeta' intimata (Dok. "MP 2") jirrizulta li hemm zbilanc li sad-data tad-29 ta' Marzu 2008 kien jammonta ghal €37,307.80 (Lm16,016.24). Jirrizulta wkoll li hemm debiti fl-ammont ta' €427,801.91 kif jirrizulta mill-i*statement of affairs* tal-kumpanija (Dok. MP 3), liema stat gie kkonfermat bil-gurament minn Mario Psaila, Finance Manager tas-socjeta' rikorrenti fl-affidavit tieghu datat 14 ta' April 2008 (Dok. "MP"). Dan apparti djun ohra li s-socjeta' rikorrenti tippretendi li s-socjeta' intimata ghandha anke mas-socjeta' rikorrenti, li b'kollox jammonta ghal €646,207 (li parti minnhom biss hija inkluza fil-lista ta' djun indikata f'Dok. "MP 4" taht l-intestatura *"Due to related Third Parties"* u *"Accruals"* (€105,770.82 u €200,436 rispettivament). Dan iwassal sabiex jinghad li l-istess

socjeta' rikorrenti ppruvat l-allegazzjonijiet taghha u hemm il-premessi ghal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet citati tal-ligi (**"Dr. Andrew Borg Cardona nomine vs Priceclub (Holdings) Limited et"** – P.A. (TM) – 12 ta' Ottubru 2007)

Illi b'hekk mill-provi prodotti jirrizulta li gie ppruvat li s-socjeta' intimata ma tistax thallas id-djun taghha u fil-fattt l-istess socjeta' llum lanqas biss qed topera tant li jirrizulta wkoll li l-istess socjeta' lanqas qatt ma gew prezentati l-*audited accounts* (Dok. "MP 3"), u ghalhekk qed tigi milqugha t-talba tas-socjeta' rikorrenti billi qed jigi ordnat l-istralc u x-xoljiment tas-socjeta' intimata skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386** u tappunta bhala stralcarju lil Dr. Marco Ciliberti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba** tas-socjeta' rikorrenti Melita Cable p.l.c. fir-rikors taghha datat 21 ta' Jannar 2008 b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' MediaPact Limited (C 28049 ) mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha u konsegwentement tordna l-istralc u x-xoljiment ta' MediaPact u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 286 tal-Ligijiet ta' Malta** u tahtar lil Dr. Marco Ciliberti bhala stralcarju tal-kumpanija intimata MediaPact Limited.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu kollha mis-socjeta' intimata.

Tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi mibghuta lir-Registratur tal-Kumpaniji skond il-ligi

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------